*-permess ghal appell minn sentenza in parte*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 9 ta' Gunju 2022**

**Rikors Nru. 770/2019 GM**

**Frankie Ciantar pro et noe**

**vs**

**Joffrey Mallia et**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konvenuti ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu qegħdin jitolbu permess biex jappellaw f'dan l-istadju mis-sentenza *in parte* ippronunzjata minn din il-Qorti fit-28 t'April 2022.

Rat ir-risposta tal-atturi.

Ikkunsidrat:

L-atturi fir-risposta tagħhom isostnu li l-konvenuti ma mmotivawx it-talba tagħhom. Fil-fatt, dan mhux għal kollox korrett għax motivazzjoni hemm, anke jekk ġenerika u xotta bħal frawli: Il-konvenuti jgħidu li jkun opportun li jsir appell f'dan l-istadju, għalkemm ma jgħidux sewwasew għaliex.

L-atturi jipprotestaw, b'ton kemmxejn santimonjuż, li l-kawża diġa` twalet (3 snin) minħabba l-batterija ta' eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti. Il-ħtija għad-dewmien iżda ma tistax tiġi mixħuta fuq il-konvenuti. Li kieku l-atturi kkonfezzjonaw aħjar ir-Rikors Maħluf tagħhom, ma kienx ikun hemm lok għall-konvenuti li jirreaġixxu, u għall-Qorti biex toqgħod tippronunzja sentenza preliminari.

B'danakollu, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, l-Qorti ma jidhrilhiex li huwa opportun li tagħti permess għall-appell. Hija sejra timponi skeda għat-tressiq tal-provi, u tippjana li tkun f'qagħda li tippronunzja s-sentenza aħħarija sal-aħħar ta' din is-sena. B'hekk tiddisponi mill-każ fi żmien raġonevoli, u kwalunkwe appell isir f'daqqa mis-sentenzi kollha, jekk hekk jidhrilhom opportun li jsir il-partijiet jew xi ħadd minnhom.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenuti.

Moqrija bil-miftuħ waqt l-udjenza tal-lum.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA